# IT-TIENI PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KUMMERĊJALI
## (KONTINWAZZJONI)

**5 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Dottor Josè Herrera *noe*

*versus*

Anthony Cassar *et noe*

**Nullità taċ-Ċitazzjoni – Proċedura Sommarja Speċjali "bil-Giljottina" – Nullità ta' Atti Ġudizzjarji – *Res Judicata***

*Kawża dwar irkupru ta' kreditu. Ingħataw żewġ eċċezzjonijiet preġudizzjali. L-ewwel in-nullità taċ-Ċitazzjoni għaliex ma ssemmewx il-kliem "bid-dispensa tas-smigħ" fit-talba taċ-Ċitazzjoni u għaliex fl-Affidavit ma ssemmiex illi min qed jaħlef l-istess Affidavit kien jaf hu nnifsu bil-fatti u huwa awtorizzat jagħmel id-dikjarazzjoni. Dwar din l-eċċezzjoni il-Qorti ta' l-Appell kienet sodisfatta illi l-kumpanija konvenuta ma sofriet ebda preġudizzju bil-mankanzi formali lamentati, u lanqas ma kien hemm xi partikolarità essenzjali nieqsa għall-proċediment ordinarju taċ-Ċitazzjoni.*

*It-tieni eċċezzjoni kienet "res judicata". Il-Qorti ta' l-Appell addottat il-prinċipju illi "res judicata" hija ta' interpretazzjoni strettissima u trid tirriżulta ċara u evidenti. Għalhekk din l-eċċezzjoni ġiet ukoll miċħuda u l-atti mibgħuta lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

(a) L-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ħadet konjizzjoni ta' ċitazzjoni li biha s-soċjetà attriċi, aventi kawża ta' Nazzareno Fenech, talbet il-kundanna tas-soċjetà konvenuta, suċċessura ta' L. & D. Attard Limited, biex tħallas is-somma ta' tliet elef, tliet mija u tliet liri (Lm3303) prezz ta' "*fuel*" u dan a bażi ta' skrittura tas-17 ta' Ġunju, 1985 – dokument B, u billi l-pagament kellu jsir sa l-aħħar ta' Lulju, 1985; u dan ma sarx sa dik id-data: – l-interessi minn dik id-data;

Fiċ-ċitazzjoni kien hemm ukoll:

"Billi jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati ai fini ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x'jgħidu";

Maċ-ċitazzjoni ġew ippreżentati:

"Lista tax-xhieda, u

"Affidavit ta' l-attur *nomine* li bil-ġurament tiegħu jikkonferma";

(b) Fil-11 ta' Diċembru, 1989 il-Qorti ddegretat: –

Billi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fil-ferjat, ma jistgħux jiġu

*osservati* t-termini *legali relattivi għall*-proċedura *tal*-giljottina, stante li fil-ferjat ma jistgħux jinstemgħu kawżi ġodda ħlief dawk ta' natura urġenti;

Għaldaqstant;

Tordna li l-kawża tinstema' fil-kors ordinarju tagħha, u tappuntaha għas-smigħ għas-seduta tad-29 ta' Jannar, 1990, fid-9.00 a.m., b'dan, li l-konvenut *nomine* jkollu 20 ġurnata żmien mid-data tan-notifika lilu taċ-ċitazzjoni biex jippreżenta n-nota ta' *l*-eċċezzjonijiet tiegħu;

Tordna fl-aħħarnett li kopja ta' dan id-digriet tiġi notifikata lill-konvenut *nomine* flimkien maċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smigħ tal-kawża;

Għalkemm dan id-digriet jgħid li l-kawża ġiet ippreżentata fil-ferjat, fir-realtà però, iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 1989, u ma jidhirx li kien hemm xi raġuni għaliex, la darba l-Qorti kkunsidrat li l-proċedura adottata kienet ta' "giljottina", ċjoè *dak* il-proċediment sommarju speċjali *li* jikkontempla l-art. 167, Kap. 12, ma kellhomx jitħarsu r-relattivi provvedimenti tal-liġi;

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet illi ċ-ċitazzjoni hija nulla billi hija nieqsa minn partikolaritajiet essenzjali u dan għaliex fiċ-ċitazzjoni m'hemmx it-talba biex il-kundanna tiġi deċiża:

"bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża"

*kif jimponi l*-art. 167(1) Kap. 12, għal din il-proċedura sommarja u speċjali; kif ukoll, fl-affidavit, m'hemmx li min

għamlu:

"jaf huwa nnifsu bil-fatti msemmija fid-dikjarazzjoni u li ġie awtorizzat biex jagħmel hu d-dikjarazzjoni"

skond ma jitlob it-tieni (2) subinċiż ta' l-istess artikolu;

Mingħajr preġudizzju għal dawk, imbagħad, l-eċċezzjoni illi l-meritu ġa fforma l-meritu ta' kawża, fl-istess ismijiet, deċiża fid-19 ta' Ġunju, 1989, u għalhekk huma *"res judicata"*;

Fit-13 ta' Lulju, 1990, l-ewwel Qorti rrispinġiet iż-żewġ eċċezzjonijiet u qalet:

*Omissis;*

Is-soċjetà konvenuta ssottomettiet li:

(a) l-ewwel Qorti għaddiet, minn rajha, biex tgħid illi s-soċjetà attriċi għalkemm setgħet riedet taddotta l-proċediment sommarju speċjali, effettivament m'addottatux, u dan l-istess soċjetà attriċi ma qalitux;

(b) illi m'hemmx ekwipollenza bejn id-dikjarazzjoni li trid takkompanja ċitazzjoni ordinarja, li tinħalef f'idejn ir-reġistratur skond l-artikolu 156(3) Kap. 12 u l-affidavit imsemmi fl-art. 167(1) Kap. 12 li jkun maħluf f'idejn *"Commissioner of Oaths"*, u dan qed jinħalef f'idejn ir-reġistratur għaliex dan ingħata l-funzjoni ta' *"Commissioner of Oaths"*;

(ċ) l-eċċezzjoni tar-*"res judicata"* għandha tiġi milqugħa għaliex ir-*"ratio petendi"* fiż-żewġ kawżi, hija l-iskrittura tas-17

ta' Ġunju, 1985. Jekk dik l-iskrittura tiġix ikkunsidrata bħala garanzija jew bħala obbligazzjoni ġdida – xorta waħda hi tibqa' l-bażi taż-żewġ ċitazzjoniiet;

Huwa ċar illi s-soċjetà attriċi riedet taddotta l-proċediment sommarju speċjali magħruf bħala l-proċedura bil-giljottina, kif jipprovdu l-artikoli 167 sa 170, Kap. 12, għaliex hekk hemm iddikjarat f'waħda mill-premessi taċ-ċitazzjoni, u huwa daqstant ieħor ċar, illi aktar minn wieħed mir-rekwiżiti neċessarji għal dik il-forma ta' proċediment huma nieqsa. Il-punt in kwistjoni huwa jekk u meta jirrikorru nuqqasijiet, fil-forma ta' proċediment sommarju, dak il-proċediment speċjali jistax jissusisti bħala proċediment ordinarju. Ir-risposta ssuġġerita kemm mill-massimi ġurisprudenzjali u kemm minn dak li jindikaw l-artikoli 789 u 790, Kap. 12 rigward l-eċċezzjoni tan-nullità ta' atti ġudizzjarju, hija fl-affermattiv – basta jirrikorru pożittivament iċ-ċirkostanzi kollha msemmija fis-subinċiżi (1) (a), (b) (ċ), u (d) ta' l-artikolu 789;

Il-Qorti hija ta' fehma illi, dawn iċ-ċirkostanzi, fil-każ konkret, huma sodisfatti, senjatament illi l-kumpanija konvenuta ma sofriet ebda preġudizzju bil-mankanzi formali lamentati u lanqas ma hemm xi partikolarità essenzjali nieqsa, għall-proċediment ordinarju, permezz ta' ċitazzjoni. Naturalment, l-istess kumpanija attriċi trid tbati l-konsegwenzi ta' dawk in-nuqqasijiet, **li jippersistu**, għaliex altrimenti l-kumpanija konvenuta tiġi ppreġudikata;

Il-kumpanija konvenuta qiegħda takkampa l-eċċezzjoni tagħha fuq il-fatt illi l-kumpanija attriċi kienet diġà ħarrkitha biċ-ċitazzjoni numru 426 fl-1988, quddiem l-istess Qorti tal-Kummerċ, liema kawża kienet ġiet deċiża fid-19 ta' Ġunju, 1989

u għaddiet in ġudikat;

F'dik il-kawża, fost kawżalijiet oħra, kien hemm ukoll din:

"u tlett elef, tliet mija u tliet liri (Lm3,303) ammont ta' flus dovuti mid-ditta L & D Attard *Limited*, ta' liema somma l-konvenuti daħlu bħala garanti u ntrabtu li jħallsu u kif jirriżulta aħjar mill-iskrittura esibita bħala Dok. "B";

Id-dispositiv tas-sentenza, fuq din il-parti tal-pretensjoni tal-kumpanija attriċi kienet hekk:

"tiċħad it-talba għall-kundanna ta' ħlas ta' tlett elef, tliet mija u tliet liri (Lm3,303) a bażi ta' l-iskrittura tas-17 ta' Ġunju, 1985, inkwantu din ma tikkostitwixxix garanzija, **kif titlob iċ-ċitazzjoni** – u tħalli impreġudikata kull azzjoni oħra li jista' jkollha s-soċjetà attriċi kontra s-soċjetà konvenuta – fuq kawżali differenti – *si et quatenus*";

L-eċċezzjoni ta' *"res judicata"* f'ċerti każijiet, tiġġenera ċerta diffikoltà. Dak li tista' taddotta favur tagħha l-kumpanija konvenuta, hija duttrina kkwotata minn din il-Qorti – Sede Inferjuri – f'sentenza fl-ismijiet Nicola Camilleri *vs* Carmela Pace tal-31 ta' Mejju, 1911 (Vol. XXI.I.324):

*"...tra gli estremi della cosa giudicata si annoveri l'identità dell'oggetto, pure tale identità non è uopo che sia assoluta (*Aubry et Rau *paragrafo 769 e* Laurent *XX, 56 e seg.) e potrebbe farsi luogo all'eccezione del giudicato anche quando l'oggetto dedotto in lite quantunque distinto da quello della lite precedente, pure l'uno e l'altro formano parte di un sol tutto, purchè però il punto controverso sia identico";*

Din il-Qorti mbagħad fis-sentenza tas-7 ta' Marzu, 1958, fl-ismijiet Catarina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana (Vol. XLII.I.113) qalet:

"Intqal tajjeb illi *"l'eccezione di regiudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto più quando trattasi di escludere un diritto (Coen, Cosa Giudicata, (materia civile) no. 145)* ... jeħtieġ għall-eċċezzjoni tal-ġudikat illi l-kwistjoni tkun ġiet "effettivament" deċiża bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li "setgħet tiġi deċiża ... Jgħid il-Mattirolo: – *"Sta soltanto nel dispositivo; onde è principio che la cosa giudicata risiede eslusivamente nella parte dispositiva della sentenza, non nei motivi" (Diritto Giudiziario Civile, Vol. V 28)";*

però sussegwentement, jingħad ukoll:

"... xi drabi jiġri illi d-deċiżjoni mhix interament fil-parti dispositiva tas-sentenza, iżda anki fil-parti razzjonali tagħha, meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżoluta xi vera kwistjoni, b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja tad-dispositiv, u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mid-dispositiv, li kollha flimkien, jiffurmaw il-ġudikat";

Minn eżami tas-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tad-19 ta' Ġunju, 1989, li fuqha qed tistrieħ is-soċjetà konvenuta, għalkemm, id-dispositiv tal-Qorti kien nett u ċar, b'dan kollu jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni x'hemm fil-parti razzjonali ta' dik is-sentenza, kif ukoll, u forsi, aktar importanti, il-fatt illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi, f'dik il-kawża, kienu jiġbru flimkien id-diversi kawżali u saru b'mod globali:

"(2) tiddikjara l-konvenuti inadempjenti fis-somma ta' sitt

elef mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm6163) versu l-attur; u

(3) tikkundanna l-konvenuti jħallsu Lm6162 lill-attur",

u kienet biss l-istess Qorti tal-Kummerċ li sseparathom – jagħti ċertu appoġġ għall-attitudni tas-soċjetà konvenuta;

Dan kollu però jammonta l-aktar għal ċertu awra ta' dubju; imma f'kontinġenza simili l-ġurisprudenza tagħna segwiet dik tal-*Corte di Cassazione* ta' Palermo kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Novembru, 1934, fl-ismijiet Francesca Aquilina *vs* Negoziante Giuseppe Gasan *et* (Vol. XXIX.I.1161):

Illi l' "*exceptio rei judicatae*" għandha bħala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll, għaliex "*interest rei publicae ut sit finis litium*". Sentenza li għaddiet "*in giudicato*" jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq – "*res judicata pro veritate habetur*" – jiġifieri l-fundament ta' l-"*actio*" u ta' l-"*exceptio judicati*" hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija "*strictissimae interpretationis*". "*La cosa giudicata*" – kif fissret il-*Corte di Cassazione* ta' Palermo (3 ta' Marzu, 1898) "*deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argumenti più o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderanza; e nel dubbio il giudice non deve proprondere per la cosa giudicata (Ibid. para. 1 nro. 4 "Casi dubbi) (sic)*";

Għalhekk, din il-Qorti, hekk iggwidata, ma tistax tilqa' l-appell tas-soċjetà konvenuta, lanqas fuq din it-tieni eċċezzjoni;

Respint l-appell, l-atti huma rimandati quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża;

L-ispejjeż huma rregolati hekk – dawk ta' l-ewwel istanza mingħajr taxxa, dawk ta' din għas-soċjetà konvenuta.